**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 456 tad-29 ta' Novembru 2016 dwar statements f'mistoqsijiet parlamentari supplimentari**

L-Onor. Joe Mizzi talab *ruling* dwar xi dritt għandu Membru f'dan l-istadju li jagħmel *statement* jew jekk għandux jillimita ruħu għal mistoqsijiet.

Is-Sedja tifhem li biex Membru jasal għad-domanda tiegħu, ikun hemm bżonn li jsiru ftit rimarki. Madankollu, is-Sedja tisħaq li dawn il-kummenti għandhom ikunu fil-qosor kemm jista' jkun u li l-Membru jgħaddi mill-ewwel għad-domanda supplimentari li wkoll għandha tkun fil-qosor. Fil-fatt, is-Sedja dejjem tipprova tara li dan isir.